

---

It-Tlieta 15 ta' Jannar 2019

P8\_TA(2019)0009

## **Emenda tal-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investment \***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2019 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investment (13166/2018 – C8-0464/2018 – 2018/0811(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2020/C 411/36)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Bank Ewropew tal-Investment lill-Kunsill biex jemenda l-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investment (13166/2018),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 308 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C8-0464/2018),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 78c tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0476/2018),
    1. Japrova l-proposta;
    2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
    3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;
    4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-parlamenti nazzjonali.
-